**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XLVIII**
**Appell Nru: 28/2001**

**Il-Pulizija (Spetturi Sandro Gatt, u Neville Aquilina)**

**Vs**

**ANTHONY DELCEPPO**

**Illum, 14 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Anthony Delceppo talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta'Frar, 1999, u l-ahhar erba xhur qabel din id-data :

1. Forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura, id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), lil persuna jew persuni, jew ghall-uzu ta'persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta'Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta, li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) ;
2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta'Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) ;

**3.** Ikkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola bi ksur ta' l-Artikolu 22 (2) tal-Kap. 101.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fil-31 ta'Jannar, 2001, li biha sabet lill-Anthony Delceppo hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuzi filwaqt li ma sabetx li tirrizulta c-cirkostanza aggravanti msemmija fit-tielet akkuza, u, ghalhekk, ikkundannatu ghal zmien tletin (30) xahar ta'prigunerija w multa ta'Lm1,000. Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, ikkundannatu wkoll biex ihallas l-ispejjes peritali kollha inkorsi f'dawn il-proceduri u dan fi zmien xahar minn meta jigu lilu notifikati mir-Registratur tal-Qorti. Ordnat ukoll il-konfiska tad-droga eroina kif ukoll tal-flus fid-Dok.MM2.

Rat ir-rikors t'appell ta'Anthony Delceppo datat 12 ta'Frar, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati izda minghajr l-aggravju kontemplat fit-tieni proviso ta' l-Artikolu 22 (2) tal-Kap. 101 (l-aggravju tad-distanza), tvarja w tirriforma l-istess sentenza appellata f'dik il-parti fejn tikkoncerna l-piena billi tirriduci l-piena ta'inkarcerazzjoni mposta mill-ewwel Qorti kif ukoll il-Multa nflitta minnha.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokument esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi dan l-appell huwa limitat biss ghal dik il-parti tal-piena nflitta mill-ewwel Qorti fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta'prigunerija ta'tletin (30) xahar u ghall-Multa ta' Lm1,000.

L-appell ta'Anthony Delceppo jikkonsisti fil-fatt li, skond hu, meta l-ewwel Qorti giet biex tikkunsidra x'piena kellha timponi fuqu, hi naqset milli tiehu in kunsiderazzjoni li meta saru r-reati in kwstjoni, hu kien ghadu minorenni ta' sbatax (17) il-sena, u, ghalhekk, ma applikatx id-dispost ta' l-Artikolu 37 tal-Kap. 9, kif ukoll ghamlet konfuzjonji fl-applikazzjoni, o meno, ta' l-Artikoli 17 (h) u 18 tal-Kap. 9. Per ezempju, skond l-appellant, l-ewwel Qorti sabet htija fih fuq zewg imputazzjonijiet separatament, meta kellha tapplika l-assorbiment skond l-Artikolu 17 (h) tal-Kap. 9, cioe' meta jirrizulta li reat wiehed sar bhala mezz biex isir reat iehor. Ilment iehor ta' l-appellant hu li l-ewwel Qorti ma naqsitlux z-zmien li kien mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Din il-Qorti ezaminat sewwa l-atti, kif ukoll is-sentenza appellata, specjalment il-parti tal-piena, u dan sar sabiex tara jekk l-ewwel Qorti, fil-fatt, kienetx imponiet xi piena li kienet sproporzjonata ghar-reat jew reati li taghhom sabitu

hati, jew jekk dik il-piena kienetx wahda barra mill-parametri tal-ligi, tenut kont dejjem tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami.

Hu veru li fil-korp tas-sentenza taghha, l-ewwel Qorti ma semmiet xejn dwar l-eta' minorenni ta' l-appellant, fis-sens li hu kellu 17 il-sena meta kkommetta r-reati in kwistjoni, u, bla ebda mod ma tindika li hadet in kunsiderazzjoni dan il-fattur u li kienet qed tapplika d-dispost ta' l-Artikolu 37 tal-Kap. 9 li jghamilha tassattiva fuq il-Qorti li tnaqqas bi grad jew tnejn il-piena fuq il-hati meta dan ikun ghalaq l-14 il-sena izda ma jkunx ghalaq it-18 il-sena fiz-zmien li jaghmel ir-reat. L-istess, l-ewwel Qorti ma ssemmi xejn jekk kienetx qed tiehu in kunsiderazzjoni w tapplika jew le l-Artikolu 18 tal-Kap. 9, fis-sens jekk kienetx qed issib lill-appellant hati ta'reat jew reati kontinwati. Ukoll ma ssemmi xejn jekk kienetx hadet in kunsiderazzjoni, u applikat fl-ghoti tal-piena, il-principju ta' assorbiment ta'reati u pieni ai termini ta' l-Artikolu 17 (h) tal-Kap. 9. Din il-Qorti mhiex qedha hawnhekk sabiex tirricerka hi x'ezattament kien f'mohh l-ewwel Qorti meta infliggiet il-piena, izda hu ferm desiderabbli li jekk ikkunsidrat dawn ic-cirkostanzi fid-deliberazzjoni taghha, issemmihom ukoll fil-korp tas-sentenza. Mill-banda l-ohra, jekk wiehed jara l-piena li fil-fatt imponiet l-ewwel Qorti f'dan il-kaz, malajr ghandu jinduna, bhal ma ndunat din il-Qorti, li jidher b'mod car li l-ewwel Qorti zammet f'mohha dawn il-kunsiderazzjonijiet, ghalkemm ma semmiethomx jew indikathom specifikatament. Hu evidenti li qieset il-fattur ta' l-eta' minorenni ta' l-appellant. Ma semmietx l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kap. 9, izda semmiet li hadet in kunsiderazzjoni l-eta' tieghu.

Hu car ghal din il-Qorti li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda li tersaq vicin hafna lejn il-minimu stabbilit ghar-reati in kwistjoni. Din il-piena tindika li l-ewwel Qorti hadet in kunsiderazzjoni l-Artikoli 17 (h), 18 u 37 tal-Kap. 9. Hija piena ferm adegwata w gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz u l-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tvarjaha jew tindahal fid-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

Mill-banda l-ohra, pero', din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, taqbel ma' l-appellant li dan kien kaz li jimmerita t-tnaqqis taz-zmien li hu kien mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri. Ghalkemm anke din kienet fid-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti li tordna tali tnaqqis, haga li ma ghamletx, pero', din il-Qorti tara li tali tnaqqis kellu jigi ordnat u, forsi, dan ma sarx mhux ghaliex l-ewwel Qorti kienet intenzjonata li ma tordnax it-tnaqqis tieghu, izda biss ghaliex kien sfuggielha li tghamel hekk.

Ghar-ragunijiet premessi, ghalhekk, il-Qorti qed tiddisponi minn dan l-appell ta'Anthony Delceppo bil-mod sussegwenti:

1. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn sabet u dikjarat htija fl-appellant.
2. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha.
3. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn imponiet piena ta' tletin (30) xahar prigunerija u Lm1,000 Multa.

**4.** Tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tordna li z-zmien kollu li l-appellant kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandu jitnaqqas miz-zmien ta' prigunerija impost fuqu.
**5.** Tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata inkluz kull ordni moghti mill-ewwel Qorti.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registartur